MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 414/1985/1

**Henry Ordway**

**v.**

**John Sutherland ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mobile Homes Limited u b'digriet tas-27 ta' Awissu 1998 gew intervenuti fil-kawza l-kumpanija Elmo Insurance Services Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and Lonodn Insurance p.l.c., u b'nota tat-2 ta' Frar 2000 intervenew fil-kawza l-kumpanija Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera assikuratrici Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c., u b'nota tal-5 ta' Ottubru 2006 il-kumpanija Elmo Insurance Ltd. assumiet bhala intervenuta l-atti tal-kawza minflok l-imsemmija Elmo Insurance Agency Ltd. nomine**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-2 ta’ April, 1985 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fil-11 ta’ Ottubru, 1983, waqt li kien impjegat mas-socjeta` konvenuta, huwa sofra feriti ta’ natura gravi f’incident awtomobilistiku fil-Libja, li mhabba fihom bata danni sew bhala lucrum cessans kif ukoll bhala damnum ermergens;

Illi tal-istess danni kienet responsabbli s-socjeta` konvenuta;

Talab li din il-Qorti:

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghall-incident li fiha sofra l-istess feriti l-attur u l-konsegwenti danni;
2) Tillikwida d-danni sofferti minnu bhala konsegwenza tal-istess feriti;
3) Tikkundanna lill-konvenut nominee jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-konvenut nomine gie mharrek ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

Illi hu mhuwiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur stante li ma huwiex responsabbli ghall-azzjonijiet tas-sewwieq tal-karozza li kien passiggier fiha l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet tat-2 ta’ Ottubru 1985 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Francis Lanfranco bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talba tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-12 ta' Gunju 1987 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Joseph Galea Debono;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali debitament mahluf fil-25 ta' Jannar 1989;

Rat in-nota ta' l-attur ipprezentata fis-27 ta' Jannar 1989 li permezz taghha talab in-nomina ta' periti addizzjonali;

Rat id-digriet tat-2 ta'Marzu 1989 fejn gew nominate bhala periti addizzjonali l-Avukat Dottor Joseph Ciappara, l-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon;

Rat id-digriet tal-21 ta' Frar 1994 li permezz tieghu, wara li l-perit legali addizzjonali l-Avukat Dottor Joseph Ciappara nforma lill-Qorti li l-attur ma kienx qed jiehu interess fil-prosegwiment tal-kawza, il-periti legali addizzjonali gew ordnati biex jirritornaw il-process u gew diretti li l-inkarigu taghhom kien sospiz;

Rat il-verbal ta' l-14 ta' April 1994 fejn id-difensur ta' l-attur deher u rrefera ghas-sentenza msemmija fin-nota ta' l-attur ta' l-4 ta' Jannar 1988 u talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' April 1994 li permezz tieghu l-process gir rinvijat lill-periti addizzjonali biex jespletaw l-inkariku moghti lilhom wara li jiehdu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li ser isiru mid-difensuri;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur ipprezentat fis-16 ta' Ottubru 1995;

Rat ir-rikors tal-kumpanija Elmo Insurance Services Limited li talbet li tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* u d-digriet tas-27 ta' Awissu 1998 li permezz tieghu giet milqugha din it-talba;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Settembru 1998 li permezz tieghu, fuq talba tal-perit legali addizzjonali l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon li kien l-avukat tal-fiducja tas-socjeta` kjamata fil-kawza [**recte:** intervenuta fil-kawza], gie sostitwit ghalih l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-kumpaniuja intervenuta fil-kawza pprezentata fit-13 ta’ Ottubru 1999;

Rat in-nota tat-2 ta’ Frar 2000 li permezz taghha giet ipprezentata nota li biha l-kumpanija Elmo Insurance Agency Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera assikuratrici Royal and Sun Alliance Insurance plc assumiet l-atti tal-kawza bhala intervenuta fil-kawza minflok il-kumpanija Elmo Insurance Services Ltd. nomine;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur ipprezentata fis-7 ta’ April 2000;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` konvenuta ghan-noti ta’ l-attur;

Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali debitament mahlufa;

Rat id-domandi bil-miktub indirizzati lill-periti legali addizzjonali mis-socjeta` konvenuta u n-nota ta’ osservazzjonjiet tal-kumpanija intervenuta fil-kawza;

Rat ir-risposti tal-periti legali addizzjonali;

Rat ir-rikors tal-kumpanija intervenuta fil-kawza tat-12 ta’ Mejju 2004 fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-kumpanija Elmo Insurance Ltd. tigi awtorizzata tipprezenta nota ta’ assunzjoni ta’ l-atti, u d-digriet tas-17 ta’ Gunju 2004 li permezz tieghu intlaqghet it-talba;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva illi fl-14 ta’ Settembru 1998 is-socjeta` intervenuta fil-kawza pprezentat nota ta’ eccezzjonijiet. L-intervenut fil-kawza mhuwiex konvenut u ghalhekk mhuwiex permess lilu li jipprezenta eccezzjonijiet. Ghalhekk qed jigi ordnat l-isfilz tan-nota ta’ eccezzjonijiet imsemmija.

Fit-tieni lok jirrizulta illi, ghalkemm l-Avukat Dottor Paul Gauci Maistre gie nominat bhala perit legali addizzjonali in sostituzzjoni ta’ l-Avukat Dottor Joseph Ciappara minhabba l-indisposizzjoni ta’ dan ta’ l-ahhar (u li miet fil-mori tal-kawza), ma jirrizultax li dan gie verbalizzat u ghalhekk din il-Qorti qieghda presenzjalment tikkonferma tali nomina.

Din is-sentenza hi limitata ghall-kwistjoni ta’ responsabbilta`.

Il-fatti huma fil-qosor is-segwenti: L-attur kien impjegat bhala *foreman* mas-socjeta` konvenuta u kien jitla’ l-Libja jassembilja mobile home units quddiem l-impjegati Korejani li mbaghad kienu jsegwu dak li jarawh jaghmel, fuq djar ohra. Ix-xoghol kien isir gewwa impjant tal-Hyundai. Skond l-attur, l-arrangament tas-socjeta` konvenuta mal-Hyundai kien illi huma kellhom jiehdu hsieb l-akkomodazzjoni, l-ikel u t-trasport ghall-impjegati tas-socjeta` konvenuta, filwaqt illi huma baqghu jithallsu mis-socjeta` konvenuta. L-attur spjega illi kien sar zball (mis-socjeta` konvenuta) fis-sens illi l-islabs li baghtulu ma kinux skond l-ispecifications li kellu u ghalhekk cempel Malta u mal-manager Renald Dalli u mal-manager Korejan tal-Hyundai fil-Libja dam jiddiskuti. Il-management tal-Hyundai talbuh sabiex l-ghada filghodu fis-7.00 a.m. jkun fl-ufficcju taghhom sabiex minn Misurata jmur l-ajruport ta’ Tripli biex jiltaqa’ mas-Sur Mallia li kien tiela’ sabiex jara l-imsemmi zball. Meta mar f’dak il-hin, certu Honk qallu li kienu nsewh u li d-driver kien telaq lejn Tripli minghajru. Qallu wkoll li ser jipprova jikkuntattjah fit-triq u jghidlu jerga’ lura ghalih. Fil-fatt fid-9.00 a.m. tal-jum ta’ l-incident, il-11 ta’ Ottubru 1983, telqu minn Misurata biex jiltaqghu mal-ajruplan li kellu jasal Tripli fin-12.30 p.m., u dan meta kien hemm vjagg ta’ xi hames sieghat bil-

karrozza. Id-driver, li ismu mhux maghruf, imma prezumibilment kien impjegat tal-Hyundai u ta' nazzjonalita` Korejana, beda jsuq b'velocita` kbira biex jasal l-ajruport ta' Tripli fil-hin. Barra l-attur, li kienriekeb quddiem, kein hemm ukoll fil-karrozza, zewg Maltin ohra, Joseph Ellul u Raymond Grech, li hadu rikba sa Tripli biex jixtru xi ikel. Dawn it-tnejn xehdu li d-driver kien qed isuq b'velocita` eccessiva. Ellul xehed illi d-driver kien qed isuq b'aktar minn 120 k.f.s. u dan jafu ghax hares lejn l-ispeedometer. Grech wasal biex qal lid d-river beda jsuq bejn 160 u 180 k.f.s. Meta l-karrozza waslet Tagura ghall-habta tal-11.30 a.m., instema' hoss kbir u l-attur jghid li kien hemm *puncture* fit-tyre ta' quddiem tal-lemin u l-karrozza skiddjat u tilfet il-kontroll u marret fuq in-naha l-ohra tat-triq u wara li qabzet is-*centre strip* waqfet billi habtet ma' sigra. L-attur intilef minn sensieh u meta stembah sab ruhu fl-Isptar Tagura. Wara gie trasferit fis-Central Hospital ta' Tripli. Kien qieghed isofri minn *concussion* u b'rizultat t'hekk m'ghadux ixomm u jtieghem. L-ispecjalista Dr. John Pace Balzan qal li l-attur kellu fratturi gol-bazi tal-kranju u, b'rizultat ta' dan, in-nervituri tax-xamm saritilhom hsara. Huwa ccertifika din l-inkapacita` bhala totali u permanenti.

L-ewwel perit legali ghamel numru ta' konsiderazzjonijiet rigward ir-responsabbilta` ta' l-*employer* a tenur ta' l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili, kif ukoll dwar il-kuncett ta' *culpa in eligendo*, ossia *vicarious liability*, taht l-artikolu 1037 tal-Kodici Civili. Irrefera ghal gurisprudenza Ingliza dwar kif giet zviluppata t-teorija ta' *employer's liability* u jiccita lil Charlesworth **On Negligence, 6th edition, Sweet & Maxwell, p. 622** fejn jinghad:

*"The duty may be considered under five heads:- (1) to provide a safe place of work, including a safe means of access; (2) to employ competent servants, (3) to provide and maintain adequate appliances, (4) to provide a safe system of work, and (5) other cases."*

Huwa korrettement imbaghad josserva illi l-unika ipotesi li trid tigi ezaminta f'dan il-kaz hija t-tielet wahda, cioe` jekk l-*employer* kienx impjega *"competent servants"* u jekk dan

kienx il-kagun ta’ l-incident. L-ewwel perit legali fil-fatt imbaghad jaghmel numru ta’ konsiderazzjonijiet, fosthom li l-karrozza ma kinitx tas-socjeta` konvenuta u d-driver ma kienx impjegat maghha, li sewqan mghaggel u esagerat ghax wiehed irid jilhaq ajruplan mhux sinjal ta’ inkompetenza *per se* u tista’ titqies biss bhala decizjoni zbaljata, li ma ma kinitx is-socjeta` konvenuta li ordnatu bie imur Tripli imma kien il-management tal-Hyundai li talbuh imur jiltaqa’ mas-Sur Mallia li kien ser jasal minn Malta dakinhar ta’ l-incident, u li s-sentenza Ingliza citata mill-attur bin-nota tieghu ta’ l-4 ta’ Jannar 1988 jipprospetta sitwazzjoni fejn id-river kien impjegat ma’ l-*employer* tad-danneggjat. Konsegwentement ikkonkluda illi s-socjeta` konvenuta ma setghetx tigi misjuba responsabbli ghall-incident taht il-ligi Maltija applikabbli ghal kazijiet ta’ din ix-xorta.

Issa, mhux kontestat illi ghal dak li jirrigwarda t-trasport tal-haddiema taghha fil-qadi ta’ dmirijiethom fil-Libja, il-kumpanija konvenuta ma haditx hsieb hi izda ghamlet “arrangament” mas-socjeta` Hyundai u l-incident mertu tal-kaz gara waqt li l-attur kien qed jigi trasportat, fil-hin tax-xoghol, u waqt il-qadi ta’ dmirijietu, b’mezz ta’ transport u sewwieq provdut mill-kumpanija Hyundai. Minhabba f’dan, il-kumpanija konvenuta eccepiet illi hi ma hix responsabbli ghall-incident *de quo* u allura m’ghandhiex tirrispondi ghad-danni sofferti mill-attur peress illi ma hix responsabbli ghall-azzjonijiet tas-sewwieq tal-karrozza li kien passiggier fiha l-attur. Izda s-socjeta` konvenuta, kif tajjeb josservaw il-periti legali addizzjonali, ma ressqet ebda prova f’din il-kawza, u anqas issottomettiet ebda dokument sabiex bih tikkonferma, tichad jew tispjega t-termini ta’ tali arrangament dwar it-trasport tal-haddiema taghha. “Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz,” isostnu l-periti legali addizzjonali, “dan jidher li kien doveruz u ghalhekk ghandha tkun is-socjeta` waedha li tirrispondi ghan-nuqqas ta’ din il-prova tant determinanti.” Huma mbaghad jghaddu biex jaghmlu s-segwenti konsiderazzjonijiet:

“28. Mill-kumpless tal-provi prodotti, jirrizulta illi:

(a) F’kull hin tal-impjieg tieghu, l-attur dejjem baqa’ legalment jaqa` taht ir-responsabbilta` diretta tas-socjeta` konvenuta. Bhala impjegat, f’ebda hin ma ghadda taht ir-responsabbilta` legali ta’ xi hadd iehor.

(b) <u>F’ebda hin ma kien misluf lil xi hadd iehor.</u>

(c) Ghalkemm, fir-rigward tat-trasport, l-attur kien jiddependi fuq il-mezzi li kienet tipprovdi l-kumpanija Hyundai, skond l-arrangament ezistenti mal-kumpaniuja konvenuta, dan il-fatt ma jwassalx ghat-trasferiment ta’ responsabilitajiet legali minn fuq is-socjeta` konvenuta ghal fuq is-socjeta` Hyundai.
(d) L-attur kien ‘parti’ mil-labour force <u>li l-employer tieghu kellu jipprovdi fil-Libja</u> ai termini tal-kuntratt li s-socjeta` konvenuta ghamlet mas-socjeta` Hyundai.

Per konsegwenza, l-attur kien:

(i) f’kull hin jiehu ordnijiet biss minghand l-employer tieghu;

(ii) jaqa’ taht id-dixxiplina tas-socjeta` konvneuta, tant li din is-socjeta` setghet tirtirah minn fuq dak ix-xoghol u tibghatu fuq xoghol iehor x’hin riedet, minghajr ebda awtorizzazzjoni ta’ hadd; u

(iii) jircievi l-paga tieghu minghand l-istess kumpanija konvenuta.

(e) Irrizulta illi l-incident gara waqt li l-attur kien fil-qadi ta’ dmirijietu, fuq ix-xoghol assenjat lilu fil-Libja, sejjer jiltaqa’ ma’ superjur tieghu – dirigent fil-kumpanija konvenuta – li mar minn Malta apposta bil-ghan li tinsab soluzzjoni ghal problema li kienet inqalghet fuq il-lan tax-xoghol, apparti li jwassal xi viti, boldijiet, ecc. necessarji ghall-istess xoghol.

29. Dan kollu jwassal biex l-esponenti jikkonkludu illi fil-hin tal-incident l-attur <u>kien ghadu jaqa’ kompletament u primarjament</u> taht ir-responsabilita` tal-employer tieghu, cioe` s-socjeta` konvenuta. Din kienet ghalhekk tenuta li

tosserva u tadempixxi d-doveri kollha li l-ligi timponi fuq l-employer fir-rigard tal-impjegati taghha. Fost dawn, id-dover li l-employer ihares l-inkolumita` fizika tal-impjegat, waqt il-qadi ta’ dmirijietu, inkluz waqt li l-impjegat ikun qed jigi trasportat in konnessjoni max-xoghol tieghu.

30. Huwa minnu illi, skond l-attur, is-socjeta` konvenuta kienet ghamlet ‘arrangament’ mas-socjeta` Hyundai illi, fiz-zmien tal-kuntratt, is-socjeta` Hyundai kellha tipprovdi s-servizz necessarju ghat-trasport tal-impjegati tas-socjeta` konvenuta. Izda dan l-arrangament b’ebda mod ma nehha d-dover legali impost fuq is-socjeta` konvenuta lit hares l-inkolumita` fizika tal-impjegati taghha, anke waqt it-trasport taghhom in konnessjoni max-xoghol lilhom assenjat.

31. Apparti konsiderazzjonjiet ohra, is-socjeta` konvenuta baqghet dejjem responsabbli li tara li, f’kull zmien, it-trasport li kien qed jigi provdut lill-impjegati taghha, kien tali li b’ebda mod ma jipperikola s-sahha taghhom. Dan id-dmir ma waqafx malli sar l-arrangament dwar it-trasport. L-anqas ma jista’ jinghad illi, bl-imsemmi arrangament, dan id-dmir ghadda kompletament fuq is-socjeta` Hyundai, li minhabba f’hekk setghet titqies unikament responsabbli ghas-sahha tal-haddiema tas-socjeta` konvenuta, waqt il-hin tat-trasport.

32. L-obbligu principali li tassigura s-sahha u l-inkolumita` tal-impjegati taghha, anke waqt il-hin tat-trasport, baqa’ dejjem fuq is-socjeta` konvenuta. Huwa veru illi, jekk sar l-arrangament li jsemmi l-attur, is-socjeta` Hyundai dahlet f’certi responsabilitajiet fil-konfront tal-istess haddiema fil-hin tat-trasport taghhom. Izda dawn ir-responsabilitajiet ma kinux jissostitwixxu dawk tas-socjeta` konvenuta jew dahlu b’xi mod fil-veci taghhom. Is-socjeta` konvenuta ma gietx ezonerata mid-doveri legali taghha fil-konfront tal-haddiema, waqt il-hin tat-trasport.

33. Id-doveri u responsabilitajiet li s-socjeta` Hyundai assumiet fir-rigward tal-impjegati tas-socjeta` konvenuta, waqt il-hin tat-trasport, ma kinux jemergu mill-obbligi

mposti mil-ligi fuq min ihaddem, jew mill-kuntratt tax-xoghol, izda kienu obbligi separati u distinti minn dawk tas-socjeta` konvenuta, ghalkemm ezistenti kontemporanejament.

34. F'dan ir-rigward, hi rilevanti ferm is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tal-31 ta' Mejju 1999, fil-kawza fl-ismijiet ***Nazzareno Caruana vs Carmel Cacopardo noe et noe*** (Citaz. Nru 914/91 NA), fejn gie ritenut illi l-obbligu tal-principal li jhares is-sahha u s-sigurta` ta' l-impjegati tieghu certament ma jispiccax fil-mument illi dawn il-haddiema gew mislufa lil xi terzi jew li jkunu qeghdin jaghmlu xi xoghol gewwa post ta' terzi.

*'Fil-fehma tal-Qorti, l-obbligu tas-socjeta` konvenuta 'Kalaxlokk' lit hares is-sahha w s-sigurta` tal-impjegati taghha certament li ma spiccax fil-mument illi dawn il-haddiema gew mislufa lill-kuntratturi private. L-argument tas-socjeta` 'Kalaxlokk' illi hija hadet hsieb li tislef dawn l-impjegati lill-kuntratturi bhas-socjeta` konvenuta l-ohra 'Carmelo Micallef Contractors Limited' ghandu jinghata certu konsiderazzjoni, izda dan il-fatt wahdu ma jfissirx illi s-socjeta` 'Kalaxlokk' kienet ezenti mill-obbligu lit hares is-sahha u s-sigurta` tal-haddiema taghha ….'*

*'…L-attur isostni tajjeb illi z-zewg socjetajiet konvenuti kellhom ir-responsabilita` li jharsu s-sahha u s-sigurta` ta' l-impjegati fuq il-post tax-xoghol. Isostni tajjeb ukoll, illi dawn iz-zewg responsabilitajiet ma kinux supplimentari. L-attur isostni wkoll illi dawn iz-zewg responsabilitajiet kienu kumulativi u ghalhekk iz-zewg socjetajiet konvenuti kienu responsabbli solidalment bejniethjom ….'*

35. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti jikkonkludu illi, fil-hin tal-incident li fih wegga` l-attur, kemm is-socjeta` konvenuta kif ukoll is-socjeta` Hyundai kellhom, ghal ragunijiet differenti, <u>responsabilita` shiha</u> ghall-inkolumita` fizika tal-attur."

Issa, is-socjeta` konvenuta – nonostante illi John Sutherland fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu jghid illi sa fejn jaf hu l-attur mar u mhux intbaghat fil-karrozza li

sussegwentement kellha l-incident, u illi la l-karrozza u lanqas is-sewwieq taghha ma hu responsabbli ghalihom il-konvenut – naqset milli taghti indikazzjoni dwar x’arrangamenti kienet ghamlet mas-socjeta` Hyundai dwar it-trasport tal-haddiema taghha waqt il-hin tax-xoghol, kif ukoll naqset milli turi kif kienet qed tadempixxi l-obbligi legali taghha ta’sorveljanza diligenti u prudenza fil-konfront ta’ l-istess haddiema, waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, fuq xoghol barra dawn il-Gzejjer, partikolarment waqt it-trasport. Ghalhekk, ikomplu jissottomettu l-periti legali addizzjonali, u wara li ghamlu referenza ghal-ligi applikabbli u ghall-gurisprudenza nostrana:

“52. Fil-fehma tal-esponenti, dan in-nuqqas ta’ prova huwa wiehed gravi ghaliex, bla provi sufficjenti sal-grad li titlob il-ligi dwar l-adempjenza shiha tal-obbligi legali da parti tas-socjeta` konvenuta, fil-hin tal-incident, l-istess socjeta` konvenuta ma tistax tezonera ruhha mir-responsabilita` ghall-inkolumita` tal-impjegat taghha. Semplici dikjarazzjoni guramentata li hi m’ghandhiex tirrispondi ghaliex *“la l-karrozza u l-anqas is-sewwieq taghha ma hu responsabbli ghalihom il-konvenut* (cioe` s-socjeta` konvenuta”, ma hix sufficjenti biex hi tehles mir-responsabilitajiet <u>legali</u> li hi kellha fil-konfront tal-attur, ghaliex fir-rigward ta’ dan l-impjegat, hi baqghet <u>il-hin kollu</u> responsabbli…. Fin-nuqqas ta’ provi da parti tas-socjeta` konvenuta, l-esponenti jridu joqoghdu biss fuq ir-rizultanzi li jemergu minn dak li hemm fil-process.

53. Irrizulta illi s-socjeta` konvenuta naqset serjament mid-doveri taghha fil-konfront tal-haddiema taghha, ghal dak li jirrigwarda s-sorveljanza waqt it-trasport taghhom in konnessjoni mad-dmirijiet fuqhom imposti. X’aktarx in-nonkuranza totali tas-socjeta` konvenuta, f’dan ir-rigward, originat minn apprezzament zbaljat tal-limiti tad-dmirijiet fuqha imposti mil-ligi. Mill-istess eccezzjoni moghtija mis-socjeta` konvenuta, hu logiku li iehed jiddesumi illi din tikkontendi li ma kien fadlilha ebda responsabilita` jew dover fil-konfront tal-haddiema waqt it-trasport, billi kienet ghamlet arrangement ghall-istess mas-socjeta` Hyundai.

Jidher illi s-socjeta` konvenuta ikkonkludiet li, in vista ta' dan l-arrangament, ir-responsabilita` ghall-haddiema taghha waqt il-hin tat-trasport, kienet ghaddiet kompletament fuq is-socjeta` Hyundai u ghalhekk hi kienet giet ezonerata. Kien dan ir-ragunament li x'aktarx wassal is-socjeta` konvenuta biex ma tuzax fil-konfront tal-haddiema taghha, dik id-diligenza u l-prudenza minnha rikjesti mil-ligi, anke waqt it-trasport taghhom. Izda dan ir-ragunament hu, fil-fehma tal-esponenti, zblajat u l-pozizzjoni legali hi dik spjegata aktar 'il fuq f'din ir-relazzjoni.

54. Ghalhekk, in-nonkuranza tas-socjeta` konvenuta f'dan ir-rigward, tikkostitwixxi nuqqas serju mid-doveri taghha fil-konfront tal-attur, in kwantu jirrigwarda l-incident stradali in ezami.

55. Ir-responsabilita` ultima ghal dak li sofra l-attur, l-esponenti jsibuha fil-fatt illi min kien responsabbli ghalih naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mistennija minnu biex, f'kaz ta' emergenza li seta' jinqala' (bhal ma fil-fatt inqala' b'ebda tort tal-attur), ikun hemm salvagwardi li ma jippermettux illi l-attur jitqieghed f'sitwazzjoni fejn l-inkolumita` fizika tieghu tigi b'xi mod pregudikata.

Biex tezonera ruhha mir-responsabilita`, is-socjeta` konvenuta kienet obbligata li tipprova illi kellha sorveljanza adegwata fuq it-trasport, fil-perijodu li l-haddiema taghha kienu qed jahdmu fil-Libja, anke jekk dwar l-istess transport kienet ghamlet arrangament ma' terzi, u dana sabiex tara illi t-terz makienx qed jabbuza, anzi kien qed izomm ma kwalunwe kondizzjonijiet li jkunu gew stipulati, skond l-arrangament li jkun intlahaq.

56. Is-socjeta` konvenuta ghalhekk f'din il-kawza kellha d-dover li fl-ewwel lok:

(i) taghti prova dwar x'tip ta' arrangament ghamlet mat-terz, biex dan jipprovdi t-trasport necessarju;
(ii) turi li dan it-terz kien persuna fidabbli u ta' hila fir-rigward tal-istess transport;

(iii) tipprova illi stipulat mat-terz illi, waqt it-trasport, l-inkolumita` fizika tal-haddiema taghha kellha, f'kull waqt, tigi salvagwardata u bl-ebda mod u ghal ebda raguni perikolata;

(iv) tipprova illi kellha sorveljanza xierqa biex tara illi t-terz jimxi ma' dak li jkun gie stipulat;

(v) turi li kienet kompletament estranea ghad-decizjoni li ttiehdet minhabba l-esigenza tal-hin fl-appuntament li l-attur kellu fi Tripli.

57. F'arrangamenti dwar aspetti ta'xoghol, bhald awk mertu ta' din il-kawza, is-sid jibqaghlu r-responabilita` l-ewwel li jistipula b'mod car kundizzjonijiet serji dwar il-harsien tas-sahha tal-haddiematieghu, u t-tieni li jissorvelja tajjeb illi dawk il-kundizzjonijiet ikunu qed jigu osservati. Dana sabiex, meta jinqalghu sitwazzjonijiet ta' certa emergenza u delikatezza, ma jittihdux decizjonijiet azzardati li jpoggu l-hajja tal-haddiem fil-periklu.

58. Dan kollu s-socjeta` konvneuta f'din il-kawza ma ghamlituc, kif naqset ukoll milli ssejjah fil-kawza lit-terz li mieghu ghamlet l-arrangament dwar it-trasport. Dan meta, anke per prudenza, kellha kull raguni u opportunita` li tikkjamah, anke minhabba dak kontemplat fl-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili.

59. Konsegwentement, l-esponenti huma tal-fehma illi ghall-incident meritu tal-kawza, hija zgur legalment responsabbli s-socjeta` konvenuta.

L-istat attwali tal-provi ma jippermettux lill-periti li jistabilixxu jekk is-socjeta` konvenuta hijiex unikament responsabbli jew jekk ghall-incident in kwistjoni kienx hemm xi kontributorjeta` da parti ta' terzi li ma humiex fil-kawza.

(i) Irrizulta illi ttiehdet decizjoni zbaljata u azzardata li biha d-driver Korean gie mistenni li jittanta jaghmel vjagg ta' hames sieghat fi tliet sieghat, bil-konsegwenza illi l-

hajja u s-sahha tal-attur gew imqeghda f'perikolu car u previst, minhabba f'velocita` eccessiva;
(ii) Fit-tieni lok, irrizulta wkoll illi:

a. L-incident gara meta l-attur kien qed jigi trasportat fil-hin tax-xoghol u ghall-iskopijiet tax-xoghol tieghu;

b. Ir-responsabilita` diretta ghal tali transport kienet taqa' fuq il-kumpanija konvenuta, anke jekk din kienet ghamlet xi arrangament ma' terzi dwar it-trasport tal-impjegati taghha;

c. Il-kumpanija konvenuta ma kellha sorveljanza ta' xejn dwar kif kien isir it-trasport tal-impjegati taghha. Fl-eccezzjonijiet sostniet illi ma kellhiex tirrispondi ghal dak li seta' ghamel is-sewwieq tal-karrozza li fiha kien riekeb l-attur. Fattur dan li jindika illi s-socjeta` konvenuta kienet tqis illi ladarba ghamlet arrangament ma' terzi, allura kienet helset minn kull responsabilita` fir-rigward tal-haddiema taghha, waqt il-hin tal-istess transport;

d. L-incident gara minhabba l-ghaggla li nholqot, minhabba li ghal ragunijiet li qatt ma gew dfiniti, irrizulta li kien hemm esigenza li l-attur jasal Tripli sa certu hin, biex jiltaqa' ma' ufficjal tas-socjeta` konvenuta. Din qatt ma eskludiet, spjegat jew tat ragunijiet ghaliex kien tant importanti illi l-attur ikun Tripli sal-hin indikat. Kieku ma kienx hemm din l-esigenza, ma kienx ikun hemm ebda htiega li s-sewwieq jigi dirett illi jlahhaq il-vjagg sal-hin prestabbilit, bil-konsegwenza tas-sewqan perikoluz, b'velocita` li mhux biss teccedi bil-bosta kull limitu tal-prudenza, izda li kienet kontinwament tistieden incident."

Din il-Qorti ezaminat il-punti sollevati mis-socjeta` intervenuta il-kawza fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha tas-27 ta' April 2001, liema punti tapprezza izda li, fil-fehma taghha, ma jxejnux il-konkluzjoni raggunta mill-periti legali addizzjonali. Bizzejjed jinghad illi ghalkemm huwa minnu illi s-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Nazzareno Caruana vs Carmel Cacopardo noe et noe** tikkontempla fatti differenti minn dawk tal-kaz odjern, il-principji

applikabbli f'dak il-kaz ghandhom jitqiesu applikabbli anke fil-kaz odjern.

F'dan ir-rigward tajjeb li ssir referenza ghall-artikoli 1049 u 1050 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta):

**"1049 (1) Meta zewg persuni jew izjed ikunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghall-hlas ta' dik il-hsara hija 'in solidum'.**

**(2) Meta xi whud minn dawn ikunu mxew dolozament, u ohrajn le, dawk ta' l-ewwel huma kollha obbligati 'in solidum', u kull wiehed mill-ohrajn huwa obbligat biss ghal dik il-bicca tal-hsara li huwa nnifsu jkun ikkaguna.**

**1050 (1) Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi stabbilita, min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn.**

**(2) F'dan il-kaz, il-konvenut jista' jitlob li dawk kollha li jkunu kkagunaw il-hsara jigu msejha fil-kawza bil-mod u ghall-effetti msemmijin fl-Artikolu 962 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-qorti tista' tqassam fuq kull wiehed minnhom is-somma mehtiega ghall-hlas tal-hsara, f'ishma ndaqs jew mhux indaqs, skond ic-cirkostanzi; bla hsara dejjem tal-jedd ta' dak li jbati l-hsara illi jitlob il-hlas tas-somma kollha minghand kull min irid minnhom, u dawn lejh ghandhom ilkoll jigu kkundannati 'in solidum'."**

Is-socjeta` konvenuta ma sejhitx fil-kawza lil min, skond hi, kellu jitqies responsabbli ghall-feriti u danni konsegwenzjali sofferti mill-attur. Ta' dan in-nuqqas certament ma jistax ibati l-attur in vista ta' dak li jiddisponu l-artikoli appena citati.

Ghalhekk, din il-Qorti tqis, wara li rat anke d-domandi li saru lill-periti legali addizzjonali in eskussjoni u t-twegibiet taghhom, illi huma ghamlu apprezzament korrett tal-ligi u tal-fatti u ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni li s-socjeta` konvenuta ghandha titqies responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk ghall-konsegwenti danni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-incident li fiha sofra feriti l-attur u l-konsegwenti danni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------